V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.8524 — Advent International Corporation/Industrial Parts Holding)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 259/04)

1. Fl-1 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Advent International Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża Industrial Parts Holding kollha kemm hi (Franza) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Għal Advent International Corporation: investiment ta' ekwità privata, iffukata fuq l-akkwist ta' ishma u l-ġestjoni ta' fondi ta' investiment f'setturi varji, inklużi servizzi tan-negozju u dawk finanzjarji; oġġetti u servizzi industrijali operazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut, oġġetti tad-ditta għall-konsumatur, u servizzi ta' rikreazzjoni; midja, telekomunikazzjonijiet u teknoloġija tal-informattika; u servizzi tal-kura tas-saħħa u farmaċewtiċi.

— Għal Industrial Parts Holding: id-distribuzzjoni ta' partijiet industrijali billi tipprovdi kollegament loġistiku bejn il-forniturі u l-klijenti fil-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u l-Isvizzera permezz għaxar networks kummerċjali awtonomi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8524 — Advent International Corporation/Industrial Parts Holding, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.